# L-AHHAR NARĊIS

*Ta'* A. J. Galea

Tul xitwa żejjint bi ġmielek u ħannint bi fwieħtek sider
il-għolja ħadran.

Dawwalt il-mogħdijiet imwiegħra ta' l-isinda,
il-ħitan imġarrfa ta' l-egħlieqi,
w il-wesgħat ta' raba' ġmiem.
Skirt tħares lejn xbihetek imdawwar mal-miġra
kif din tfeġġ minn taħt ix-xulliel
qabel taqbad triqtha għall-wied.
Tqabadt qatigħ mar-rjieħ tat-tramuntana
u ntlaqt bħal għajjien fuq il-ħaxix.
Staħbejt taħt il-weraq bħal fellus taħt għajnejn ommu
biex titkennen mix-xita qalila.
U żżarġant sħiħ f'jiem il-bnazzi —
stejqirt qabel iż-żerniq,
farfart kusek min-nida safja
u rmajt fwieħtek maż-żiffa fit-tbandil ferrieħ.
Issa qed tnin —
iddardret il-bjuda ta' werqek u tfiet is-sfura ta' kusek :
għabet il-fwieħa.
Bdiet taħseb ommok għall-festa tar-rebbiegħa :
xegħlet fjakkli bojod tal-berwieq fuq kull blata
u mad-dawra kollha tar-rdum,
u kebbset ħġejjeġ kbar bi nwar il-lewż,
iddandnet bi lbies in-neofit buddist
u ksiet sidirha b'mantar iż-żagħfran minsuġ b'ward l-ingliża.

16. 2, 1959.

---

L-osservazzjoni iżjed mill-kotba, it-tiġrib iżjed mill-persuni, dawn huma l-iktar li jgħallmuk.

A.B. ALCOTT.

## ĦLAS TA' ABBONAMENT F'"IL-MALTI"

**Ngħarrfu lill-Abbonati f'IL-MALTI li l-ħlas ta' l-abbonament għas-sena 1959 għandu jibda jitħallas mill-bidu ta' Jannar, 1959, għand it-Teżorier. Dawk li baqgħu lura fil-ħlasijiet ta' l-abbonament jirċievu avviż biex iħallsu mill-iktar fis.**